



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0166/2011

19.4.2011

RAPPORT

dwar l-iżvilupp tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża
wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona
(2010/2299(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Roberto Gualtieri

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
RAPPORT TA' MINORANZA	24
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	24

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-iżvilupp tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona
(2010/2299(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà bit-titolu 'Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar', adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha bit-titolu 'Nipprovdu s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel', approvat mill-Kunsill Ewropew tal-11-12 ta' Diċembru 2008,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill (tad-Difiża) għall-Affarijiet Barranin dwar il-PSDK adottati fid-9 ta' Diċembru 2010 u fil-31 ta' Jannar 2011;
- wara li kkunsidra r-riżultat tas-Summit Renju Unit-Franza dwar il-kooperazzjoni għas-sigurtà u d-difiża tat-2 ta' Novembru 2010,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25-26 ta' Marzu 2010,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna¹,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-kooperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari²,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea fil-kuntest tal-ESDP³,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0166/2011),

Politika tas-sigurtà u politika barranija

1. Ifakkar li s-sistema internazzjonali għaddejja minn tibdil rapidu u profond, xprunata mit-trasferiment ta' poter lejn atturi emerġenti internazzjonali u interdipendenza li qed tidħol iktar fil-fond u li tkopri problemi ekonomiċi u finanzjarji, id-deterjorament ambjentali u t-

¹ ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30

² Testi adottati, P7_TA(2010)0419.

³ ĠU C 349E, 22.12.2010, p.63.

tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-enerġija u r-riżorsi, u sfidi interkonnessi tas-sigurtà

2. Jirrikonoxxi li, f'kundest globali turbolenti u fi żmien ta' kriżi ekonomika u finanzjarja, l-UE qed tintalab issaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha biex tippreserva l-valuri tagħha, issegwi l-interessi tagħha, u tipproteġi ċ-ċittadini tagħha billi tiżviluppa viżjoni maqsuma ma' ħaddieħor tal-isfidi u t-theddidiet ewlenin, u billi tallinja l-kapaċitajiet u r-riżorsi tagħha biex twieġeb għalihom b' mod suffiċjenti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-paċi u s-sigurtà globali internazzjonali, inkluż billi ssegwi multilateraliżmu effettiv;
3. Huwa tal-fehma li t-tiżiħ tal-awtonomija strateġika fl-affarijiet ta' sigurtà tfisser, għall-UE, il-kapaċità li taqbel dwar objettivi politiċi komuni u linji gwida strateġiċi, li tistabbilixxi partnerships strateġiċi ma' firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż in-NATO, u stati, li tiġbor informazzjoni adegwata u tiġġenera analiżi u valutazzjonijiet konġunti, li tikkontrolla u, fejn ikun meħtieġ, tiġbor flimkien riżorsi finanzjarji, ċivili u militari, tippjana u tmexxi operazzjonijiet effettivi ta' ġestjoni ta' kriżi tul il-firxa estiża tal-missjonijiet tat-tip ta' Petersberg, u li tfassal u timplimenta politika tad-difiża komuni, billi tpoġġi l-ewwel sisien tanġibbli li fuqhom tinbena difiża komuni;
4. Jenfasizza li d-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), introdotta mit-Trattat ta' Lisbona, tipprovdi dikjarazzjoni politika soda tal-intenzjoni tal-Unjoni li taġixxi bħala forza għall-istabilità fid-dinja u tipprovdi qafas legali ċar għat-tiżiħ tal-kapaċitajiet tagħha fil-persegwiment ta' politika barranija u tas-sigurtà permezz ta' approċċ komprensiv li jeħtieġ l-użu tal-istrumenti kollha disponibbli għall-UE u l-Istati Membri tagħha, biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw kriżijiet u kunflitti, u biex jibnu paċi dejjiema;
5. B' mod partikolari, ifakkar li:
 - (a) Il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), li hija parti integrali minn dik tal-ewwel, tpoġġew fi ħdan il-qafas istituzzjonali legalment vinkolanti tal-prinċipji tal-UE (id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali, inkluża r-Responsabilità ta' Protezzjoni), u l-objettivi tagħhom ġew magħgħuna mal-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-UE;
 - (b) meta tmexxi l-politika estera u ta' sigurtà, l-UE għandha tiżgura l-konsistenza u l-koerenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn politiki esterni u interni; jinnota li r-RGħ għandu responsabilità speċjali f' din il-kwistjoni;
 - (c) il-VP/RGħ, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, imexxi l-PESK, jipproponi d-deċiżjonijiet u l-missjonijiet tal-PSDK, u l-użu ta' riżorsi nazzjonali u strumenti tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Kummissjoni, jikkoordina l-aspetti ċivili u militari fejn xieraq, u jippresjedi il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin, iservi wkoll bħala Vċi President tal-Kummissjoni inkarigat kemm bir-responsabilitajiet għar-relazzjonijiet esterni tal-Kummissjoni tal-azzjoni esterna tal-UE b' mod ġenerali, u li jtiha konsistenza;

(ca) ir-RGħ għandu s-setgħat li jagħmel proposti lill-Kunsill fil-politika komuni barranija u tas-sigurtà, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kunsill Ewropew, u taħt id-direzzjoni ġenerali tal-Kunsill Ewropew – f'liema każ il-Kunsill jista' jaġixxi b'vot ta' maġġoranza kwalifikata (VMK);

6. Jenfasizza li d-dover tal-konsistenza kif definit mit-Trattat, il-formulazzjoni l-ġdida tal-kliem tal-Artikolu 40 tat-TUE (li jistipula li l-implimentazzjoni kemm tal-PESK u kif ukoll tal-politiki l-oħra tal-UE ma għandhiex teffettwa l-applikazzjoni tal-proċeduri rispettivi), u l-każistika reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (ara l-kawża SALW) jipproteġu kemm il-primat tal-metodu tal-Komunità u l-fatturi distintivi u l-prerogattivi tal-PESK, filwaqt li jinkoraġġixxu l-konverġenza tal-politiki, l-istrumenti, ir-riżorsi differenti, u l-bażijiet legali f'approċċ olistiku u komprensiv, fejn il-kontribuzzjoni għall-paċi u s-sigurtà fid-dinja ssir objettiv trasversali tal-azzjoni esterna u interna tal-UE u l-PSDK hija waħda mill-istrumenti tagħha; jinnota li l-assi militari jistgħu jiġu skjerati wkoll fil-każ ta' diżastri naturali u dawk maġmula mill-bniedem, kif muri fil-prattika bil-koordinazzjoni tal-Persunal Militari tal-UE tal-kapaċitajiet militari b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajjuna umanitarja mmexxijin min-nies ċivili waqt l-għargħar fil-Pakistan fis-sajf tal-2010 skont il-Linji Gwida tan-NU applikabbli dwar l-użu tal-Assi Militari u ta' Difiża Ċivili fl-għajjuna internazzjonali għad-diżastri (il-Linji Gwida ta' Oslo) u wara talba mill-Kummissjoni;
7. Jesprimi tħassib, għalhekk, li aktar minn sena wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, għad ma hemmx sinjali ċari ta' approċċ komprensiv post-Lisbona tal-UE li jippermetti li jingħelbu ostakli proċedurali u istituzzjonali tradizzjonali, filwaqt li jiġu ppreservati prerogattivi legali rispettivi meta s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej tkun fir-riskju;
8. Huwa konvint li politika tas-sigurtà esterna kredibbli teħtieġ interdipendenza aktar approfondita bejn l-Istati Membri u koeżjoni interna, fiduċja reċiproka u solidarjetà akbar, simili għal dak li nkiseb fl-isfera tas-sigurtà interna permezz tal-kooperazzjoni Schengen (fejn il-pajjiżi tax-Schengen, filwaqt li jipproteġu l-konfini tagħhom, ikunu qed jipproteġu l-konfini ta' Stati Membri oħra, regoli nazzjonali jiksbu ambitu kontinentali, u l-kompiti relatati mal-ħarsien tas-sigurtà nazzjonali jistgħu jitwettqu wkoll fit-territorju ta' stat ieħor jew fi skwadri konġunti li joperaw bi qbil mal-istandards Ewropej);
9. Jiddispaċiħ dwar in-nuqqas ta' rieda tal-Istati Membri li jiddefinixxu pożizzjoni komuni dwar il-kriżi tal-Libja, dwar ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-1973 u l-modi biex tiġi implimentata; jesprimi tħassib kbir dwar ir-riskju li jiġu kkunsidrati koalizzjonijiet ad hoc ta' dawk li għandhom din ir-rieda jew kooperazzjoni bilaterali bħala sostituti vijabbli għall-PSDK, peress li l-ebda Stat Ewropew ma għandu l-kapaċità li jkun attur sinifikattiv ta' sigurtà u difiża fis-seklu 21. ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona jipprovdi għall-possibilità li l-implimentazzjoni ta' operazzjoni ta' ġestjoni tal-kriżi tiġi fdata f'idejn grupp ta' Stati Membri, iżda biss fi ħdan qafas ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tiddefinixxi l-objettivi, l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom, u bl-assoċjazzjoni tal-VP/RGħ; jinsisti li hija essenzjali reazzjoni komuni għall-iżviluppi fil-Libja biex jiġi fformulat approċċ ġdid kredibbli għall-politika tagħna għall-viċinat tan-nofsinhar u minn hemm 'il quddiem jenfasizza li l-elaborazzjoni ta' strateġija għar-reġjun Sahel u l-Qarn tal-Afrika hija għaldaqstant opportunità konkreta oħra biex turi l-kapaċità tal-UE li taġixxi kemm dwar is-sigurtà kif ukoll dwar l-isfidi ta' żvilupp;

10. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew iwettaq il-kompiti tiegħu li jidentifika l-interessi strateġiċi u l-oġġettivi politiċi tal-UE billi jfassal strateġija ta' politika estera Ewropea ingranata mal-iżviluppi internazzjonali, li għandha tkun ibbażata fuq konverġenza reali tad-dimensjonijiet differenti tal-azzjoni esterna tal-UE u soġġetta għal rieżami regolari; jistieden lir-RGħ/VP u lill-Kunsill biex jibnu fuq il-kunċett tas-sigurtà tal-bniedem biex jagħmluh iċ-ċentru tal-Istrateġija tal-Politika Barranija Ewropea u jsarrfuh f'linji gwida ta' politika tanġibbli;
11. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-President tiegħu jaffrontaw dan l-inkarigu billi jidħlu fi djalogu politiku mal-Parlament Ewropew u jiddiskuti r-rakkomanazzjonijiet tal-Parlament Ewropew; isostni li tali djalogu huwa meħtieġ fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ġodda tat-Trattat u tal-ħtieġa li tiġi stipulata u implimentata l-Istrateġija tal-Politika Barranija, li tkun ġejja minn approċċ kompensiv u effettiv; jissuġġerixxi li tali djalogu jeħtieġ li jsir fuq bażi regolari, u li jiffoka fuq il-progress milħuq daqs kemm fuq il-prospetti;
12. Jinnota li r-rwol mogħti lill-Parlament Ewropew bħala entità li tirrappreżenta direttament liċ-ċittadini tal-UE jagħmlu l-Parlament sors kruċjali ta' leġittimità demokratika għall-PESK/PSDK u jagħtu piż qawwi lid-dritt tiegħu li jistenna li l-opinjoni jiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jiġu kkunsidrati b'mod xieraq;
13. Jinnota, barra minn hekk, li bis-saħħa tat-Trattat, il-VP/RGħ huwa suġġett għal vot ta' kunsens mill-Parlament Ewropew, u l-Parlament jipparereċipa fit-teħid ta' deċiżjoni dwar il-baġit tal-azzjoni esterna tal-UE, inklużi l-missjonijiet ċivili tal-PSDK u l-PESK u l-ispejjeż amministrattivi li jqumu mill-koordinament militari tal-UE, u li l-kunsens tiegħu huwa essenzjali sabiex l-istrateġija tal-UE jiġu tradotti f'liġijiet u biex jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali, inklużi ftehimiet relatati prinċipalment mal-PESK, bl-unika eċċezzjoni tal-ftehimiet relatati biss mal-PESK;
14. Jixtieq li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali tal-UE fl-eżerċitar tal-iskrutinju demokratiku fuq il-PESK u l-PSDK, bil-mira li tissaħħaħ reċiprokament l-influwenza rispettiva tagħhom fuq l-għażliet politiċi magħmula mill-istituzzjonijiet l-oħra Ewropej u mill-Istati Membri, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prerogattivi tal-politika tad-difiża eżistenti tal-parlamenti nazzjonali;; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ftehim fil-Konferenza tal-Ispikers tal-UE fl-4/5 ta' April 2011 dwar l-elementi ta' konferenza interparlamentari dwar il-PESK/PSDK; ifakkar li l-Artikolu 9 tal-Protokoll 1 tat-Trattat ta' Lisbona dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali jiddikjara b'mod ċar li l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni interparlamentari effettiva u regolari fi ħdan l-Unjoni għandha tiġi determinata flimkien bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali;
15. Jenfasizza r-rwol li t-Trattati assenjaw lill-Kummissjoni meta twettaq il-politiki u l-miżuri marbuta mad-dimensjonijiet l-oħra tal-azzjoni esterna tal-UE, meta tipproponi inizjattivi leġiżlattivi, u meta timplimenta l-baġit u timmaniġġja l-programmi tal-Komunità, u torganizza rappreżentazzjoni esterna tal-UE ħlief fil-każ tal-PESK; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlament isaħħu l-kooperazzjoni bejniethom sabiex jiżguraw, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi rispettivi ta' xulxin, jaħdmu għal

konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-UE għal użu aktar effettiv tal-istrumenti tal-PSDK;

16. Jinnota li l-poteri u r-responsabilitajiet tal-VP/RGħ ma jikkostitwixxux sempliċement li “tilbes kappell doppju”, iżda jirrappreżentaw fużjoni ta’ funzjonijiet u sorsi leġittimi, li jagħmel ir-rwol tagħha ċentrali għall-proċess li ġġib f’relazzjoni koerenti l-istrumenti, l-atturi u l-proċeduri varji tal-azzjoni esterna tal-UE; jistieden lill-VP/RGħ tinterpreta r-rwol tagħha bħala wieħed proattiv u sabiex tmexxi djalogu kostruttiv mal-Parlament fil-qafas ta’ sforz doppju li jippromwovi kunsens politiku fost l-Istati Membri dwar id-direzzjonijiet strateġiċi, u tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal biex il-PESK-PSDK taġixxi b’sinerġija mas-setturi l-oħra tal-azzjoni esterna tal-UE u mal-politiki interni tal-UE b’impatt u implikazzjonijiet fil-livell estern;
17. Iqis li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu rwol ewlieni biex joħloq approċċ komprensiv u effettiv, ibbażat fuq integrazzjoni sħiħa tal-PSDK, il-PESK u d-dimensjonijiet l-oħra tal-azzjoni esterna tal-UE, l-aktar il-politiki ta’ sigurtà fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kummerċ u l-enerġija; jilqa’ r-risultat tan-negozjati, li serva biex jistabbilixxi l-SEAE bħala struttura biex tassisti lill-istituzzjonijiet tal-UE u d-dimensjonijiet varji tal-azzjoni esterna tal-UE u kkonferixxa firxa wiesgħa ta’ poteri u responsabilitajiet fuqu, filwaqt li pprovda rabta solida mal-Kummissjoni mingħajr ma tnaqqsu bl-ebda mod il-prerogattivi tal-Kummissjoni, u jittama li r-responsabilità assenjata lill-SEAE għall-ippjanar strateġiku tal-istrumenti finanzjarji relatati mal-azzjoni esterna tal-UE se jitraduċu ruħhom f’użu effettiv, koerenti tagħhom biex ikomplu jtkatru l-prinċipji u l-oġettivi tal-UE;
18. Itenni l-fehma tiegħu li l-istrutturi u l-kapaċitajiet tal-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżi ċivili u militari għandha tiġi kkoordinata aktar mill-qrib u għandha taġixxi b’sinerġija akbar fi ħdan approċċ komprensiv, mingħajr ma jibdlu d-distinzjonijiet bejn r-rwoli ċivili u militari u l-proċeduri differenti ta’ teħid ta’ deċiżjoni u l-katini tat-tmexxija;
19. Jiddispaċiħ mill-fatt li l-organigramma provviżorja tal-SEAE ma tinkludix l-unitajiet kollha eżistenti varji li jittrattaw l-ippjanar u l-iprogrammar tar-reazzjoni għall-kriżi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi bl-istrutturi tal-PSDK, b’konformità mal-ftehim ta’ Madrid; jitlob, f’dan il-kuntest, għall-organizzazzjoni ta’ laqgħat regolari ta’ bord ta’ ġestjoni tal-kriżi, li jikkonsisti f’persunal mis-CMPD (id-Direttorat għall-Maniġġar ta’ Kriżijiet u l-Ippjanar), is-CCPC (il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija), l-EUMS (il-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea), l-EU SITCEN (iċ-Ċentru ta’ Sitwazzjonijiet), l-unitajiet tal-bini tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni u l-politika tas-sigurtà, il-President tal-PSC, l-uffiċċju ġeografiku u dipartimenti oħra tal-politika, skont iċ-ċirkostanzi, u l-istrutturi tal-ġhajjnuna umanitarja u ta’ protezzjoni ċivili tal-Kummissjoni, impoġġija taħt l-awtorità tal-VP/RGħ u s-Segretarju Ġenerali eżekuttiv u bil-parteċipazzjoni tal-istrutturi interni, tal-ġhajjnuna umanitarja u ta’ protezzjoni ċivili tal-Kummissjoni, skont iċ-ċirkostanzi; tali laqgħat għandhom ikunu kkoordinati mid-Direttur Maniġerjali tar-Reazzjoni għall-Kriżi; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-bord ikun mgħammar b’sistema effiċjenti ta’ allerta u emerġenza u sala kbira għal operazzjonijiet fuq skala kbira, li tkun lokalizzata fi ħdan l-SEAE, sabiex il-kontrolli jkunu jistgħu jsiru 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, u b’hekk jiġi evitat l-irduppar preżenti fl-operazzjonijiet (b’seba’ swali ta’ operazzjonijiet), li ċertament

mhuwiex kompatibbli mal-bżonn ta' kontroll adegwat u sistema ta' reazzjoni rapida biex taffronta l-kriżijiet; iqis li l-koordinazzjoni u l-iskambju regolari għandhom jiġu żgurati bejn din is-sistema u ċ-ċentru Ewropew għal rispons ta' emerġenza li attwalment qed jiġi żviluppat mill-Kummissjoni biex jiġu ggarantiti sinerġiji xierqa filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi ta' xulxin;

20. Jemmen li l-Bord ta' ġestjoni tal-Kriżi għandu jipprovdi lill-SEAE bi ppjanar ta' kontinġenza unifikat b' relazzjoni ma' xenarji potenzjali u sitwazzjonijiet ta' kriżi u, it-tieni, anki permezz ta' pjattforma ta' kriżi għar-reazzjoni Prattika għall-kriżi, li joperaw kemm fi Brussell u kemm fil-post biex jikkoordinaw l-użu ta' strumenti finanzjarji varji u l-iskjerament tal-kapaċitajiet disponibbli għall-UE, mingħajr ma jiġu mminati l-proċeduri speċifiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-bażijiet legali li japplikaw għall-iskjerament tal-kapaċitajiet ċivili u militari skont il-PESK/PSDK jew għall-użu ta' strumenti tal-Komunità;
21. Jenfasizza l-hteġa li jissaħħu l-istrutturi, id-dipartimenti u l-unitajiet ta' reazzjoni għall-kriżi ċivili u militari fi ħdan l-SEAE u l-Kummissjoni, li jinfirxu u jiġu organizzati b' mod aktar razzjonali, u b' mod partikolari:
 - (a) jitlob għall-espansjoni tal-unità CPCC responsabbli għall-ippjanar operazzjonali tal-missjonijiet ċivili;
 - (b) iġedded is-sejħa tiegħu biex is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (SIPB) li jieħu ħsieb l-ippjanar u l-programmar tal-miżuri ta' reazzjoni għall-kriżi tal-Istrument għall-Istabilità, Artikolu 3, jiġi integrat fl-istrutturi ta' ġestjoni tal-kriżi u l-bini tal-paċi tal-SEAE u speċifikament biex il-postijiet Relex/A2 li preċedentement kienu assenjati lill-Unità 2 tal-istrumenti l-ġodda tal-politika (12 AD u 5 AST) jiġu trasferiti lill-SEAE; u jinnota li dan it-trasferiment huwa kundizzjoni li għandha tiġi sodisfatta sabiex tiġi rilaxxata r-riserva taħt l-intestatura korrispondenti fil-baġit tal-Kummissjoni;
 - (c) jappoġġa t-twaqqif ta' Ċentru għas-Servizzi Konġunti għall-ġestjoni tal-missjonijiet PSDK, jiġifieri, uffiċċju interistituzzjonali li jikkompreni l-Unità 3 tal-Kummissjoni (Operazzjonijiet PESK tal-istrumenti tal-Politika barranija – ex Relex/A3) u l-Unità ta' Appoġġ għal-Missjonijiet CPCC; jinnota li s-Servizz il-ġdid, jekk jiġu indirizzati r-responsabilitajiet rigward il-persunal, il-loġistika, l-akkwist u l-finanzi tal-missjonijiet ċivili PSDK u jekk il-Kapjiet tal-Missjoni jinħelsu minn parti mid-dmirijiet amministrattivi tagħhom, tista' tiġi ggarantita effiċjenza ikbar kemm billi jingħaqdu flimkien il-funzjonijiet amministrattivi, qabel kollox bl-għażla u r-reklutaġġ tal-persunal, u kif ukoll billi jiġu ċentralizzati l-ġestjoni tal-akkwist u t-tagħmir;
22. Jiddispijaċih li r-risultati skarsi miksuba mill-proċess tal-Objettiv Primarju Ċivili 2010 rigward il-kapaċitajiet ċivili, u partikolarment id-diskrepanza bejn il-persunal assenjat mill-Istati Membri fuq il-karta u n-numri realment disponibbli għall-missjonijiet, il-progress modest rigward it-taħriġ tar-riżorsi umani (nuqqas ta' standards komuni, numru limitat ta' programmi ta' formazzjoni karikati fuq il-programmi Schoolmaster, li joffri opportunità ta' taħriġ fl-ambjent tas-softwer Goalkeeper); jistieden lill-VP/RGħ, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jieħdu passi koordinati biex jirriattivaw l-iżvilupp ta'

kapaċitajiet ċivili, speċjalment fir-rigward tar-reklutaġġ, bilanċ bejn is-sessi, il-formazzjoni u l-iskjerament; b'mod partikolari jenfasizza l-importanza li jitkompla l-bini fuq il-wirt taż-żewġ Obiettivi Primarji Ċivili li wettqet l-UE s'issa sabiex tilqa' dawn l-isfidi prominenti; jappella għat-twaqqif ta' mekkaniżmu komunitarju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili, speċjalment il-formazzjoni u t-tkabbir tal-parti ċivili tal-kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u Difiża;

Sigurtà u Difiża

23. Jafferma mill-ġdid li kapaċitajiet militari kredibbli u affidabbli huma sine qua non għal PSDK awtonoma u għal approċċ kompensiv u li l-Istati Membri jeħtieġ li jipprovduhom; barra minn hekk jenfasizza li daww il-kapaċitajiet militari jistgħu jiġu applikati għal diversi skopijiet, mhux l-inqas għal daww ċivili, b'konformità mal-prinċipji fil-bażi ta' azzjonijiet tal-UE fiż-xena internazzjonali u n-natura awtonoma tal-ordni legali tal-UE;
24. Jiddispaċih dwar il-kuntrast qawwi bejn il-200 biljun EUR li ntefqu kull sena mill-Istati Membri fuq id-difiża, in-nuqqas ta' mezzi għad-dispożizzjoni tal-UE u l-konferenzi għall-ġenerazzjoni tal-forzi għall-operazzjonijiet militari tal-UE, li sfortunatament ġew imtawla żżejjed, fi żmien meta hemm tnaqqis fil-kapaċitajiet u l-persunal; jiddeplora l-fatt li għal aktar minn tnax-il sena l-metodu tal-proċess tal-ġenerazzjoni tal-forzi ma rriżulta f'ebda titjib de facto rigward il-kwantità u l-kwalità tal-kapaċitajiet militari disponibbli għall-missjonijiet PSDK; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat it-titjib tal-kapaċitajiet militari fuq bażi regolari; jinnota li jeżisti nuqqas ta' qbil dejjem jikber bejn id-domanda li qed tiżdied minn barra l-pajjiż u r-riżorsi li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-Unjoni;
25. Jinnota bi tħassib li l-awsterità ekonomika attwali tista' twassal għal tnaqqis li ma ġiex koordinat fil-livell Ewropew u għal irduppar kontinwu li jista' jpoġġi fid-dubju l-PSDK bħala tali, filwaqt li l-effett finali għandu jkun li jħeġġeġ lill-Istati Membri jersqu lejn infiq aktar intelliġenti għad-difiża, fejn iġibu flimkien u jaqsmu bejniethom proporzjon akbar tal-kapaċitajiet tagħhom ta' difiża, il-baġit u l-bżonnijiet tagħhom, filwaqt li jiksbu aktar sigurtà għaċ-ċittadini tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw trasparenza akbar rigward il-baġits tad-difiża rispettivi tagħhom;
26. Ifakkar li l-PESK u l-PSDK għandhom ukoll iwasslu għad-diżarm u n-nuqqas ta' tixrid ta' armi li jvarjaw minn armi żgħar u ħfief (SALW) sa testati nukleari u missili ballistiċi; iħeġġeġ lill-VP/RGħ biex tagħti prijorità lil din il-politika billi tippromwovi sensiela ġdida ta' miżuri proattivi li jindirizzaw il-kwistjoni tal-mini tal-art, il-munizzjoni tat-tip cluster, il-munizzjon bl-uranju mfaqqar, u armi żgħar u ħfief, armi bijoloġiċi, kimiċi u nukleari tal-qerda tal-massa u l-mezz ta' forniment tagħhom; iħeġġeġ lill-VP/RGħ biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew fuq bażi annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-NTP fl-2010 u l-pjan ta' azzjoni tagħha dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni tal-armi;
27. Jiddeplora l-irduppar fuq skala kbira ta' xogħol fil-programmi ta' difiża fl-UE, bħal per eżempju fil-każ tal-programmi dwar il-vetturi armati, li jammontaw għal aktar minn għoxrin, is-sitt programmi differenti tas-sottomarini tal-attakk, il-ħames programmi tal-missili ground-to-air, u t-tliet programmi ta' ajruplani tal-ġlied, u l-konsegwenzi tiegħu, fis-sens li l-ekonomiji ta' skala ma jinkisbux, ir-riżorsi ekonomiċi limitati jinħlew u l-

prezzijiet tat tagħmir Ewropew għad-difiża jkunu minfuħin iż-żejjed; barra minn hekk dan iwassal biex il-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea (BTIDE) tinżamm frammentata, tfixxkel il-kompetittività tas-settur industrijali kollu relatat mas-sigurtà fl-Ewropa u f'dan ir-rigward jipperikola direttament it-tmexxija u l-impjiegi teknoloġiċi;

28. Jaffirma mill-ġdid li l-punti kollha ta' hawn fuq għandhom jiġu indirizzati permezz ta' determinazzjoni politika komuni ċara u fuq perjodu ta' żmien twil, b'użu sħiħ tal-potenzjal li joffri t-Trattat ta' Lisbona, u kwalunkwe politika tad-difiża komuni maħsuba biex tersaq gradwalment lejn difiża komuni għandha sservi biex issaħħaħ l-abilità tal-UE li tirrispondi għall-kriżi u tipprovdi għall-bini tal-paċi fuq żmien twil, u fuq kollox tiggarrantixxi l-kapaċità tal-Ewropa biex taġixxi; jitlob li laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tkun iddedikata lis-sigurtà u lid-difiża Ewropea; iġedded it-talba tiegħu għat-tfassil ta' White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża Ewropea, li għandha tiġi stabbilita fi proċess li jinkludi l-partijiet kollha interessati tal-UE, u li tkun ibbażata fuq ir-reviżjonijiet tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali fl-Istati Membri kollha li jaqblu fuq mudell komuni u jippermettu komparabilità diretta tal-punti sodi u dgħajfin fil-kapaċitajiet attwali u l-assunzjonijiet ta' ppjanar;
29. Jistieden bil-qawwa lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża bħala l-aġenzija esperta tal-UE f'data bir-rwol li tidentifika u tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' difiża fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżi u li tippromwovi u ssaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea dwar l-armamenti;
30. Jinnota li l-ftehim bejn Franza u l-Gran Bretannja tat-2 ta' novembru 2010 dwar kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża tnedja barra l-qafas tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jittama madankollu li dan l-aħħar attentat għall-kollaborazzjoni bejn Franza u l-Gran Brittanja tista' sservi bħala mezz għal progress ulterjuri fil-livell Ewropew b'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-Unjoni u l-ħtiġijiet loġiċi ta' razzjonalizzazzjoni, interoperabilità u kosteffettività; jenfasizza li l-EDA jista' jkollha rwol ta' sostenn f'dal-kuntest; iqis li l-kooperazzjoni attwali fid-difiża bejn Franza u l-Gran Brettanja għandha tipprovdi pjan direzzjonali għal kooperazzjoni aktar effettiva fid-difiża Ewropea bbażata fuq l-ippjanar tal-kapaċità u d-dipendenza reċiproka; ihegġegħ lill-gvernijiet ta' Franza u r-Renju Unit biex jimpenjaw ruħhom għall-ġbir u qsim tal-arranġamenti multilaterali Ewropej futuri;
31. Jinnota li l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), kif huwa pprovdut fit-Trattat, tipprovdi salvagwardji u obbligi legali, u hija wkoll strument biex jiġi promoss użu aħjar tal-assi tal-PSDK fi żminijiet ta' awsterità ekonomika u biex jingħeleb in-nuqqas ta' kunsens fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jiddeterminaw l-għanijiet u s-sustanza ta' tali kooperazzjoni mingħajr dewmien aktar, billi jinvolvu lill-Istati Membri kollha li jagħtu prova tagħhom infushom li jkunu kemm politikament disposti kif ukoll militarment kapaċi;
32. Jemmen li r-rwol tal-Ministri tad-difiża għandu jissaħħaħ fil-qafas tal-konfigurazzjoni tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin;
33. Jirrakkomanda li s-sinifikat reali tal-klawsola dwar l-assistenza reċiproka titqies serjament fil-każ ta' aggressjoni armata fit-territorju ta' Stat Membru, bl-indirizzar tal-problemi mhux risolti rigward id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, li tneħħew mill-

abbozz tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jitlob għat-tfassil ta' linji gwida, b'zonn imperattiv li rriżulta mhux l-inqas mit-terminazzjoni reċenti tat-Trattat ta' Brussell modifikat (UEP);

34. Jirrikonoxxi li fi ħdan il-proċess ta' żvilupp tal-PSDK wasal iż-żmien biex dak li nkiseb bil-politika u l-istituzzjonijiet issa jiġi segwit minn kisbiet konkreti fil-qasam tal-kapaċitajiet militari; jinnota li d-dispożizzjonijiet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona joffru potenzjal kbir għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' dawn il-kapaċitajiet u biex jiġi stipulat qafas progressiv għall-politika tad-difiża tal-UE u jsostni li għandhom jitpoġġew fil-prattika b'mod effettiv u bħala kwistjoni ta' urġenza;
35. Jirrakkomanda lill-Istati Membri li jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għall-forniment u s-sostenibilità tal-kapaċitajiet militari, billi jirrispondu għat-tendenza lejn enfasi akbar fuq l-aspetti kwalitattivi; jaqbel mat-talbiet magħmula mil-laqgħa informali tal-Ministri tad-Difiża li saret f'Ghent fil-karta bejn il-Ġermanja u l-Isvezja u l-inizjattiva ta' Weimar u jitlob biex il-faċilità operattiva tibda mingħajr dewmien, b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2010, li fihom il-Ministri tad-Difiża ftiemu li l-EDA għandha tintensifika l-ħidma tagħha biex tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' oqsma biex jingħaqdu flimkien u jinqasmu l-kapaċitajiet militari bejn il-pajjiżi, inkluż permezz tal-appoġġ ta' tim ta' nies intelliġenti; jenfasizza l-ħtieġa biex dan l-approċċ għall-iżvilupp tal-kapaċità jirnexxi; jistieden lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza ffissata mill-Kunsill ta' Diċembru 2010; ifakkar li l-Kaprijiet tal-Istat Maġġur tal-forzi armati tal-UE ġew inkarigati biex jeżaminaw il-kapaċitajiet tagħhom sa Mejju 2011, li l-Istaff Militari tal-UE kien ikkummissjonat biex juża din id-data biex jipproduċi idea ġenerali sa nofs l-2011 u li l-Ministri tad-Difiża tal-UE se jilhqqu konklużjonijiet finali sal-aħħar ta' din is-sena; jistieden lill-Aġenzija biex tagħmel din l-inizjattiva għal-prijorità tagħha u biex telenka proġetti ġodda potenzjali ta' kooperazzjoni (pereżempju f'oqsma bħall-komunikazzjonijiet bis-satellita, appoġġ mediku, loġistiki navali u sigurtà ċibernetika), sabiex jiġi evitat irduppar tal-ispejjeż u tiżdied l-interoperabilità;
36. Jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Jannar 2011, li talab lill-VP/RGħ ssegwi s-suġġetti mqajma fl-inizjattiva ta' Weimar sabiex tippermetti li jittieħdu miżuri prattiċi fuq il-bażi ta' rapport li għandha tgħaddi lill-Kunsill Affarijiet Barranin sa nofs l-2011, bil-ħsieb li jinkisbu riżultati konkreti sa tmiem is-sena possibilmment, inkluż il-potenzjal għall-estensjoni ta' tali inizjattivi biex jinkludu Stati Membri oħra interessati;
37. Jafferma mill-ġdid il-b'zonn li jiġi superat il-bilanċ attwali f'termini ta' kapaċitajiet ta' ppjanar u t-tmexxija ta' operazzjonijiet ċivili u militari billi l-UE tiġi pprovduta kapaċità ċivili-militari ta' ppjanar u tmexxija jew kwartieri Ġenerali Operattivi (OHQ) li jippermettu r-reazzjoni tal-UE aktar reattiva u kosteffettiva; jinnota li l-arranġamenti Berlin Plus kellhom użu limitat, peress li sa issa kienu limitati għal rilevament ta' missjonijiet tan-NATO diġà eżistenti, u jiġbed l-attenzjoni lejn problemi konnessi mal-mudell tal-"framework nation track", li huwa bbażat fuq l-użu ta' ħames OHQs nazzjonali, li jżid in-nuqqas ta' ppjanar minn qabel għad-diffikultajiet fil-ġenerazzjoni tal-forza u l-kompleksità mkabbra tal-koordinament tal-kapaċitajiet ċivili u militari;
38. Iqis li ċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet eżistenti, għalkemm jikkostitwixxi l-ewwel pass

pożittiv, huwa inadegwat fir-rigward tal-ħtiġijiet u l-livell tal-ambizzjoni ta' OHQ permanenti u li minflok għandu jsir permanenti u jingħata l-pożizzjoni li jkun fil-qagħda li jimmaniġġja missjonijiet akbar, li għandu jingħata riżorsi ta' persunal u infrastrutturi operattivi adegwati u tiġi indirizzata l-inaffidabilità tal-infrastruttura tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-UE; li r-raġuni prinċipali tagħha hija li mhemmx struttura permanenti ta' kmand u kontroll (C2) (u qafas legali relevanti), fatt li jista' jeffettwa ħażin ukoll il-konsapevolezza sitwazzjonali; jiffavorixxi l-kolokazzjoni ta' OHQ militari ma' HQ ċivili, sabiex jingħata permes lill-firxa kollha tal-operazzjonijiet militari u ċivili, billi jiġu sfruttati għalkollox l-effetti ta' sinerġija filwaqt li jiġu rispettati l-katini ta' tmexxija ċivili u militari distintivi u l-proċeduri differenti ta' teħid ta' deċiżjoni u l-arranġamenti finanzjarji;

39. Jilqa' l-fatt li, fit-tweġiba tagħha għall-inizjattiva ta' Weimar, il-VP/RGħ irrikonoxxiet il-ħtieġa ta' kapaċità ta' tmexxija militari tal-UE; isostni li l-analiżi kost-effiċjenti li talbet il-VP/RGħ għandha tinkludi l-ispejjeż li jqumu mill-fatt li l-UE ma għandhiex OHQ; jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jippromwovi studju dwar dan il-punt u l-ispiża possibbli tal-istruttura l-ġdida u l-arranġamenti ta' finanzjament tagħha;
40. Jirrikonoxxi l-validità tal-Battlegroups, iżda jagħmel sejħa biex il-kunċett u l-istruttura tal-Battlegroups, li sa issa ma ġewx skjerati, jiġu eżaminati mill-ġdid għal grad akbar ta' flessibilità u effiċjenza; jemmen li
 - għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-ispeċjalizzazzjoni ta' wieħed miż-żewġ Battlegroups f'kapaċitajiet partikolari u/jew kapaċitajiet adattati għal konflitti ta' intensità baxxa li jinvolvi kompiti mħallta ċivili-militari;
 - l-ispejjeż operattivi għandhom jinbidlu għall-mekkaniżmu ATHENA, li għandu jiġi rieżaminat taħt il-Presidenza Pollakka;
41. Jenfasizza r-referenza tat-Trattat għal-politika Ewropea ta' kapaċitajiet u armamenti li għandha tiġi definita bil-parteċipazzjoni tal-EDA u jitlob għall-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet, l-entitajiet u l-Istati Membri Ewropej għal dan il-għan fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' tali politika;
42. Jinkoraġġixxi kooperazzjoni mill-qrib l-Aġenzija u l-Kummissjoni bl-intenzjoni li jsaħħu l-kapaċitajiet b'użu doppju sabiex jinstab l-aktar approċċ komprensiv għar-riċerka relatata mas-sigurtà u biex jipprofittaw minn immaniġġjar sinerġiku tar-riżorsi ċivili-militari, b'mod partikolari permezz tat-tema tas-sigurtà tal-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku; jilqa', għaldaqstant, il-prospettiva tat-Tmien Programm ta' Qafas, li se jkopri wkoll is-sigurtà esterna; u jistieden lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi r-realtà tan-natura ċivili-militari tal-ġestjoni tal-kriżi u jqis li l-finanzjament tar-riċerka tas-sigurtà u d-difiża għandhom applikazzjonijiet ċivili bil-fondi Komunitarji; jinnota, madankollu, li din il-kooperazzjoni m'għandhiex teċċedi dak li hu meħtieġ rigward il-kooperazzjoni ċivili-militari fiż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali kif ukoll l-attivitajiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet;
43. Iħeġġeġ lill-kap tal-EDA (RGħ/VP) kif ukoll lill-Kunsill biex iwettqu fil-ħin Azzjoni Konġunta ġdida tal-Kunsill dwar it-Twaqqif tal-EDA bbażata fuq ir-rwol ġdid tal-EDA kif deskritt fit-Trattat ta' Lisbona; jiddubita l-bażi legali attwali tal-EDA li tmur lura

għall-2004 minħabba t-Trattat ta' Lisbona u l-implikazzjonijiet għall-EDA; jistieden lill-Kunsill jinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-bidliet meħtieġa għal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar it-Twaqqif tal-EDA, li jirriżulta mill-inklużjoni tal-EDA fit-Trattat ta' Lisbona;

44. Jitlob għat-twaqqif ta' sħubija b'saħħitha bejn il-Kummissjoni, il-Parlament, l-EDA u l-Istati Membri parteċipanti fil-preparazzjonijiet għat-Tmien Programm ta' Qafas bil-ħsieb ta' investimenti f'oqsma tat-teknoloġija ta' interess komuni fil-livell tal-UE, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu, mhux l-inqas, li l-ammont li ntefaq fl-Ewropa għall-investment għar-Riċerka u l-Iżvilupp relatati mad-difiża huwa attwalment ekwivalenti għal madwar 10% tal-figura tal-Istati Uniti;
 45. Jitlob għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-EDA u l-Organisation Conjointe de Coopération en matière d'Armement (OCCAR); jitlob informazzjoni mingħand il-kap tal-EDA (RGħ/VP) dwar ir-riżultati tan-negożjati dwar l-Arrangement Amministrattiv għall-kooperazzjoni tagħhom li bdiet f'April 2009;
 46. Jafferma mill-ġdid li wieħed mill-prerekwiżiti għal PSDK awtonomu u kredibbli huwa l-ħolqien ta' suq Ewropew tad-difiża u s-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti, miftuħ għall-kuntratti pubbliċi, b'Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea msaħħa (EDTIB) li tqis kapaċitajiet industrijali ewlenin, sikurezza fil-provvista bejn il-pajjiżi, kooperazzjoni adattata fis-suq tat-tagħmir għad-difiża, bażi tal-fornitur aktar profonda u diversifikanti u kooperazzjoni akbar fl-armamenti);
 47. Jinnota li huwa essenzjali, għas-suq tad-difiża, li d-direttivi segwenti jiġu trasposti f'liġijiet nazzjonali mill-Istati Membri kollha:
 - (sat-30 ta' Ġunju 2011) Direttiva 2009/43/KE dwar it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità, u
 - (sal-31 ta' Awwissu 2011) id-Direttiva 2009/81/KE dwar proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà
- jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkonformaw strettament mad-data ta' skadenza, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, u li jfasslu r-regolamenti neċessarji ta' implimentazzjoni u jħarrġu l-persunal rilevanti biex jinfurzaw ir-regoli l-ġodda; jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu kas tan-Noti Gwida maħruġa mill-Kummissjoni;
48. Jirrakkomanda li l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni li tiddefinixxi r-regoli unifikati dwar il-kontroll tal-esportazzjoni teknoloġika u militari adottata fit-8 ta' Diċembru 2008 tkun riveduta b'mod urġenti, sabiex tiġi assicurata l-konformità stretta u konsistenti mill-awtoritajiet nazzjonali kollha involuti f'kull Stat Membru;
 49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-EDA dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża u l-Kodiċi ta' Kondotta tagħha dwar il-kumpens, sabiex jiġi evitat il-ksur tar-regoli tas-suq intern u jonqsu l-opportunitajiet għall-korruzzjoni;
 50. Jenfasizza li sabiex jissaħħaħ is-suq tas-sigurtà u tad-difiża emerġenti Ewropew, għandu jinstab rimedju għall-vojt f'termini ta' regolamenti u standards, peress li din is-

sitwazzjoni tillimita l-opportunitajiet tas-suq kemm għall-atturi kbar u għall-SMEs u tostakola l-interoperabilità fost is-sistemi tas-sigurtà; jappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tal-EDA fil-qafas tal-bażi legali ġdida pprovduta mit-Trattat ta' Lisbona; jiffavorixxi kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-EDA u l-Kummissjoni biex jinholq suq Ewropew għad-difiża; jitlob lill-Kummissjoni tnedi, b'kooperazzjoni mal-EDA, riflessjoni preliminari dwar politika industrijali Ewropea fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà;

51. Ihegġegħ lill-Istati Membri parteċipanti jittrattaw il-parteeċipazzjoni tagħhom fl-EDA bħala impenn permanenti u jipprovdu l-Aġenzija bir-riżorsi umani u ekonomiċi meħtieġa; jitlob li l-infiq allokati għall-proġetti u l-istudji operattivi (li sa issa, bħala medja, ikopri 25% tal-baġit) jiżdied, jekk il-vetoes fuq żidiet fil-baġit ikomplu sejrini għal perjodu twil, ħaġa mhux mixtieqa;
52. Jistieden lill-Istati Membri parteċipanti biex iżidu max-xoġhol u l-inizjattivi biex ikunu ppreżentati mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli fil-kapaċità tagħha ta' kap tal-Aġenzija u jħeġġiġha tistabbilixxi metodi ta' ħidma li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri parteċipanti biex jieħdu r-responsabilità bħala dawki li jieħdu d-deċiżjoni, u konsistenti man-natura intergovernattiva tal-Aġenzija u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat, bl-idea li jinbena kunsens politiku;
53. Iqis li l-ħolqien ta' miżuri regolatorji tal-UE inkluża sistema normattiva komprensiva għat-twaqqif, ir-reġistrazzjoni, il-ħruġ ta' liċenzji, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar ksur tal-liġi applikabbli minn kumpaniji militari u tas-sigurtà privati (PMS) – kemm fil-livell intern kif ukoll estern – huwa meħtieġ;
54. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jibdew azzjonijiet xierqa:
 - għal-livell intern, it-tfassil ta' Rakkomandazzjoni li twitti t-triq għal Direttiva mmirata biex tarmonizza l-miżuri nazzjonali li jirregolaw is-servizzi tal-PMSC, inklużi l-fornituri ta' servizz u l-akkwist tas-servizzi;
 - għal-livell estern, it-tfassil ta' Kodiċi ta' Kondotta li jwitti t-triq għal Deċiżjoni li tirregola l-esportazzjoni tas-servizzi tal-PMSC lejn stati terzi sa fejn mhux kopert mid-Direttiva msemmija hawn fuq;

Sigurtà esterna u interna

55. Iqis li l-aspetti esterni u interni tas-sigurtà tal-UE għandhom ikunu trattati bħala dimensjonijiet kumplementari tal-istess strateġija, kif il-Kunsill Ewropew wera biċ-ċar mil-laqgħat tiegħu f'Tampere (1999), Feira(2010), u Stokkolma (2010), meta adotta l-oġettivi tal-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja Ewropea għall-perjodu 2010-2014; jenfasizza li taħt l-ebda ċirkostanza ma huma negozjabbli l-valuri u n-normi ċentrali bħad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-liġi umanitarja fil-kuntast tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, u li waħda mill-konklużjonijiet tal-Kumitat Temporanju tal-Parlamenti Ewropej dwar l-allegat użu ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasportazzjoni u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri hija li l-politiki u l-miżuri nazzjonali u tal-UE kontra t-terroriżmu jeħtieġu aktar sorveljanza parlamentari;
56. Iqis li saret dejjem aktar ċara fi żminijiet moderni, u speċjalment mill-11 ta' Settembru, li

bosta theddidiet transnazzjonali bħat-terroriżmu, it-tixrid tal-armi tal-qerda tal-massa, il-kriminalità organizzata, il-kriminalità fuq l-Internet, id-drogi u t-traffikar tal-bnedmin ma jistgħux jiġu indirizzati mingħajr azzjoni koordinata li tinvolvi politiki tas-sigurtà “esterni” u miżuri u għodod leġislattivi u politiċi “interni”, kif diġà ġie enfasizzat fl-ewwel Pjan ta’ Azzjoni kontra t-terroriżmu tal-Unjoni Ewropea (2001) u l-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu tal-Unjoni Ewropea (2005); ifakkar li r-rapport ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tal-2008 tal-Istrateġija Ewropea ta’ Sigurtà jfakkar li nuqqas minn naħa ta’ Stat jaffettwa s-sigurtà Ewropea, kif juri l-każ tas-Somalja;

57. Jirrikonoxxi li l-konnessjonijiet bejn il-politiki esterni u interni tas-sigurtà saru aktar u aktar ċari fl-Istati Membri u notevolment fil-pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti, fejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna (DHS), stabbilit fl-2003 bit-twaħħid flimkien ta’ 22 aġenzija federali, issa jimpjega ’l fuq minn 200,000 uffiċjal u għandu baġit annwali ta’ iżjed minn USD 40 biljun; jikkunsidra li mhijiex sorpriża li l-missjonijiet prinċipali tad-DHS huma, sa ċertu punt, l-istess bħal dawk li l-Unjoni Ewropea rabtet mal-ħolqien ta’ żona ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (protezzjoni tal-fruntieri esterni, migrazzjoni, antiterroriżmu);
58. Jilqa’ l-fatt li dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat ta’ Lisbona jirriflettu l-adattazzjoni għall-kuntest imsemmi hawn fuq u l-bżonn li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn is-sigurtà esterna u interna, inkluż dan li ġej:
- espansjoni tal-PSDK biex tinkludi l-missjoni tat-tip Petersberg li jistgħu jikkontribwixxu għal-azzjonijiet kontra t-terroriżmu, mhux l-inqas permezz ta’ appoġġ biex jiġu megħjuna pajjiżi terzi biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu fit-territorju tagħhom; jirrakkomanda interpretazzjoni wiesgħa ta’ dawn id-dispożizzjonijiet konformi mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU u b’rispett sħiħ mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; ifakkar, madankollu, li reazzjoni militari mhix biżżejjed fiha nnifisha biex tegħleb it-terroriżmu internazzjonali u jappella għal sforzi internazzjonali sostenuti biex jiġu identifikati u indirizzati lmenti leġittimi wara l-fenomeni, li jsaħħu, fl-istess ħin, id-djalogu u jwessgħu l-fehim fost iċ-ċiviltajiet;
 - klawżola ta’ solidarjetà: jaqbel mal-fatt li dan il-mekkaniżmu għandu jkun magħmul operattiv, u jilqa’ l-fatt li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli/Viċi President wiegħdet li tissottometti proposta trasversali fl-2011 sabiex tipprovdi l-bażi għall-impenn kollettiv tal-UE li tpoġġi l-klawsola ta’ solidarjetà fil-prattika;
59. Iqis li l-Istrateġija ta’ Sigurtà Ewropea (2003) u l-Istrateġija ta’ Sigurtà Interna (2010) jidentifikaw b’mod koerenti għadd ta’ oqsma komuni – bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u s-sigurtà ċibernetika – li għandhom implikazzjonijiet fiż-żewġ dimensjonijiet tas-sigurtà; jaqbel, għalhekk, li l-mod biex jinġiebu flimkien id-dimensjonijiet interni u esterni għandu jitjieb, idea li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata: “L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura”(2010)¹;
60. Iqis li l-kumplimentarità tal-objettivi ta’ sigurtà esterna u interna hija riflessa mill-fatt li:

¹ COM(2010) 673 finali.

il-PSC u l-COSI (il-Kumitat għas-Sigurtà Interna, stabbilit mit-TFUE), kif ukoll is-SITCEN u aġenziji relatati mas-sigurtà bħall-EUROPOL, EUROJUST u FRONTEX se jaħdmu flimkien u jissottomettu valutazzjoni komuni ta' theddida għall-istituzzjonijiet tal-UE;

- mudell ta' informazzjoni dwar is-sigurtà se jiġi żviluppat billi s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tiġi konnessa man-netwerks l-oħra kollha rilevanti tal-Ewropa, bħal VIS u Eurodac bl-użu tal-esperjenza u l-aħjar prattika minn pajjiżi oħra; jenfasizza li r-riskji għall-privatezza u l-implikazzjonijiet etiċi ta' dan jeħtieġ ikunu kkunsidrati mal-interkonnessjoni;

- ir-rintraċċjar tal-finanzjament tat-terroriżmu jipprovdi għalih il-ftehim TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti u mill-miżuri leġiżlattivi kollha li jimponu t-traċċjabilità ta' tranżazzjonijiet suspetti;

- id-definizzjoni tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej tiegħu kont tal-impatt ta' azzjonijiet magħmula mill-bniedem bħal attakki terroristiċi u attakki ċibernetiċi;

61. Huwa tal-fehma li l-inizjattivi kollha elenkati hawn fuq jistgħu, għalhekk, jiġu mnedija biss b'bażi legali soda u miżuri leġiżlattivi li jistgħu jiġu adottati taħt il-kompetenza ordinarja interna tal-UE, li għaliha maġġoranza kkwalifikata fil-Kunsill hija r-regola u li tinvolvi wkoll kodeċizzjoni fil-Parlament u, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, rieżami gudiżzarju mill-Qorti tal-Ġustizzja;
62. Huwa tal-opinjoni li l-loġika mbagħad se timplika li, fejn l-istess theddid jeħtieġ l-attivazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà esterni u interni, l-UE għandha tagħti prijorità lill-miżuri l-aktar effiċjenti, u legalment sodi, disponibbli, billi dawn tal-aħħar ikunu daww ġejjin mill-kompetenza interna; jikkunsidra li r-rwol tal-Parlament għandu jkun ukoll deċiżiv fir-rigward tal-istrateġiji u l-miżuri speċifiċi relatati tal-PESK;
63. Ifakkar lill-Kunsill u lill-Viċi President/Rappreżentant għoli li huma obbligati jżommu lill-Parlament infurmat dwar l-istat tar-relazzjonijiet esterni u b'mod partikolari r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom qed jiġu negozjati ftehimiet internazzjonali jew ġew konklużi fl-interess tal-UE; ifakkar lill-Kunsill li, fejn ma jirrelatawx esklużivament mal-PESK, il-ftehimiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu negozjati u konklużi b'tali mod li jippermetti lill-Parlament ikun infurmat u involut skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE; filwaqt li jżomm f'moħħu dan il-punt, jirriserva d-dritt li jiddetermina jekk il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea ma jindaħalx fl-eżerċizzju tal-prerogattivi konferiti lilha mit-Trattat;

Sigurtà permezz tal-operazzjonijiet

64. Jilqa' l-fatt li mill-2003 l-UE ħadet f'idejha operazzjonijiet numerużi (24) fi tliet kontenenti bl-involviment ta' tipi differenti ta' intervent, fil-parti l-kbira ċivili li jiffukaw fuq il-pulizija, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà (SSR) u l-konsolidament tal-istat tad-dritt; jinnota li minn 24 missjoni PSDK s'issa 16 kienu ta' natura ċivili;

65. Jinnota li din it-tendenza hija kkonfermata mill-karatteristiċi tat-13-il missjoni attwali u li, 'il-fuq u lil hinn minn din il-klassifikazzjoni, il-missjonijiet qed jintalbu dejjem iżjed li jassumu karattru "multifunzjonali", bħal fil-każ ta' EULEX Kosovo, li jgħaqqad bosta funzjonijiet (il-pulizija, id-dwana u l-ġudikatura) b'funzjonijiet ta' taħriġ, monitoraġġ u assistenza kif ukoll ħidmiet eżekuttivi, jew il-missjoni l-aktar reċenti EUTM Somalia, ibbażata fl-Uganda u maħsuba biex tipprowdi taħriġ militari lill-forzi tas-sigurtà tal-Gvern Federali Tranżitorju, li huwa eżempju ta' enfasi akbar fuq kompiti relatati mal-SSR fil-ġestjoni tal-kriżi militari;
66. Jilqa' r-rieżami tal-kunċetti ċivili PSDK li għadhom għaddejjin; jinnota b'mod partikolari li l-istat tad-dritt se jidher bħala kunċett ċentrali għall-missjonijiet ċivili li jkopru l-pulizija, il-ġustizzja, l-amministrazzjoni ċivili, id-dwana, il-monitoraġġ mal-konfini u oqsma oħra ta' użu għall-pjanifikaturi u l-esperti fil-post fil-bini u t-twettiq ta' missjonijiet b'kompiti ta' tisħiħ u/jew sostituzzjoni (kompiti eżekuttivi); jaqbel mal-ħidma li qed issir biex jiġi żviluppat il-kunċett tal-missjonijiet tal-ġustizzja PSDK, filwaqt li josserva li għandu jiġi evitat rduppjar ta' ħidma li m'hemmx bżonnha ma' programmi possibbli tal-Komunità; jappella, f'dan ir-rigward, biex tkun provduta informazzjoni dettaljata urġenti mir-RGħ/VP lill-Parlament Ewropew dwar il-kiri ta' kumpaniji privati tas-sigurtà u militari (PMSCs) fil-missjonijiet PSDK u l-PESK, li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-istandards korporattivi professjonali mitluba mill-kuntratturi, ir-regolamenti applikabbli u r-responsabilitajiet u l-obbligi legali, il-mekkaniżmu għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni tal-effikaċja u l-ispejjeż involuti;
67. Jirrikonoxxi wkoll li t-Trattat ta' Lisbona pprovda għall-estensjoni tal-missjonijiet tat-tip ta' Petersberg, li de facto diġà kienu qed isiru fis-snin qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat, u permezz ta' dan ir-riżultat innovazzjoni u pprovda qafas politiku u legali msaħħaħ b'konsistenza mar-realtà;
68. Iħeġġeġ sabiex l-esperjenza miksuba tiġi sfruttata biex jingħata impetu lill-missjonijiet (il-missjoni EUTM Somalia huwa l-uniku intervent ġdid li nbeda fl-aħħar sentejn), peress li l-missjonijiet huma l-punt ta' referenza tal-mandat tal-PSDK u għalhekk tal-kredibilità tal-UE bħala attur internazzjonali;
69. Jinnota li jeħtieġ b'mod urġenti li jsir progress konkret u ċar fir-rigward ta' bosta aspetti tekniċi, legali, operazzjonali u fuq kollox politiċi u strateġiċi; jirrakkomanda bis-saħħa li kull missjoni għandha tkun imdaħħla fi strateġija politika ċara (fuq terminu medju u fit-tul) u jenfasizza li l-missjonijiet ma jittiddux bħala sostitut għall-politika; iqis tali rabta bħala waħda essenzjali sabiex jiġi żgurat is-suċċess operattiv tal-interventi u, b'mod aktar ġenerali, jinkiser iċ-ċirku vizzjuż li fih, il-PSDK, aktar milli tkun għodda tal-PESK, għandha t-tendenza li tissostitwiha, bl-inkonsistenzi kollha li dan iġib miegħu;
70. Jinnota bi tħassib li s'issa għad ma hemmx rabta ma' strateġija politika ċara u fil-biċċa l-kbira tal-każi għadha mhix qed tiġi provduta; nuqqas li jolqot ħażin l-effikaċja u l-effiċjenza tal-missjonijiet, pereżempju:
- EUPOL Afganistan qed ikollha impatt insuffiċjenti peress li m'hemm l-ebda strateġija ċara u l-missjoni inevitabilmente qed tiġi assorbita fl-istrateġija ACP tal-Istati Uniti;

- EULEX Kosovo, l-aktar missjoni ċivili importanti tal-UE, iltaqgħet ma' ħafna ostakli, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni ta' appoġġ u l-limitazzjonijiet tal-persunal. madankollu, din kellha rwol importanti fil-qasam tal-istat tad-dritt u tibqa' tipprovdi l-istabilità fir-reġjun;
- EUBAM Rafah u EUPOL COPPS, li hija rikonoxxuta u aċċettata minn kulħadd bħala l-interlokutur espert internazzjonali ewlieni dwar kwistjonijiet ta' kontrolli fit-territorji Palestinjani, ma kinux f'pożizzjoni biex jaffettwaw b'mod sinifikanti l-iżviluppi fil-konflitt, peress li mhumiex ibbażati fuq xi strateġija politika u diplomatika ċara, li però hemm bżonn li tinstab sabiex twitti t-triq għal impenn imġedded fit-territorji Palestinjani;
- EUFOR Althea fil-Bosnja-Herzegovina (immedija fl-2004 taħt l-arranġament Berlin Plus) jista' jkun li kisbet l-għanijiet prinċipali tagħha, u għaldaqstant għandha ssir valutazzjoni politika bl-intenzjoni li jiġi stabbilit jekk il-missjoni għandhiex tiġi kkunsidrata bħala lesta u bir-riżorsi finanzjarji u umani sostanzjali (aktar minn 1,400 persuna) irkuprati;
- l-UE ħadet it-tmexxija tal-isforzi internazzjonali b'suċċess fil-ġlieda kontra l-piraterija permezz ta' EUNAVFOR Somalia (operazzjoni Atalanta) iżda li l-kwistjoni tat-trattament ġudizzjarju tal-pirati jeħtieġ li tissorva b'mod urġenti, bbażata l-aktar fuq ir-rapport Lang li tressaq reċentement lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; l-operazzjoni Atalanta qed tiġi mxejnkla min-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' strateġija reġjonali ċara biex jiġu miġġielda l-kawżi ewlenin tal-piraterija u biex tindirizza b'mod effikaċi l-instabilità kronika fil-Qarn tal-Afrika; azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċitajiet reġjonali ta' sorveljanza marittima għandhom jittieħdu b'mod urġenti;
- L-EUTM tista' turi li tkun kontraproductiva billi jissaħħu l-kapaċitajiet militari għal rekluti tal-milizja possibbli fis-Somalja;
- l-EUPOL RD Kongo u l-EUSEC RD Congo ilhom fil-pajjiż mill-2007 u l-2005 rispettivament iżda kellhom biss effetti pożittivi limitati fuq gruppi mmirati, jekk kien hemm; jirrakkomanda ffukar aktar qawwi fuq il-kwistjoni tal-vjolenza sesswali sabiex tizzied l-effikaċja taż-żewġ missjonijiet

71. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jmexxi l-operazzjoni EUFOR Libya b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' assistenza umanitarja jekk mitlub mill-UN OCHA; jiddeplora, madankollu, id-dewmien kunsiderevoli fil-proċess ta' ppjanar li se jkun ta' ostaklu għall-iskjerar rapidu fuq l-art; jiddispejċih ħafna li l-mandat tal-EUFOR kien limitat għal aspetti umanitarji meta kien hemm każ ċar biex l-UE tieħu t-tmexxija fis-sorveljanza marittima (infurzar tal-embargo u l-assistenza għal Frontex) u fl-assistenza umanitarja u l-protezzjoni taċ-ċivili fil-Libja; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011 li talbet lill-VP/RGH tesplora l-possibilità ta' nfurzar tal-embargo billi jintużaw assi tal-ajru u navali tal-PSDK; jiddispejċih dwar id-deċiżjoni ta' xi Stati Membri li jagħmlu veto fuq mandat usa' għal EUFOR Libya, filwaqt li fl-istess ħin mexxew tali operazzjonijiet waħedhom; jitlob li jingħata bidu għal ippjanar ta' operazzjoni potenzjali PSDK fi żmien medju sa żmien twil fil-Libja fl-oqsma tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-bini ta' istituzzjonijiet u l-ġestjoni tal-fruntieri;

72. Jitlob li jkun hemm koordinament mill-qrib fuq il-post, fejn il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet (issa uffiċjali tal-SEAE u mhux aktar tal-Kummissjoni) u l-RSUE se jkollhom rwol kruċjali x'jiżvolġu; jikkunsidra li tali koordinament għandu japplika fuq diversi livelli, b'mod partikulari:
- bejn il-missjonijiet tal-UE li joperaw fl-istess żona, sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi u d-duplikazzjoni tal-isforzi tat-tip li seħħew fil-passat, pereżempju, fil-Bosnja-Ħerzegovina minħabba d-diverġenzi tal-passat fil-mandati ta' EUFOR Althea u l-missjoni EUPM għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;
 - bejn il-PSDK u l-atturi u l-istrumenti l-oħra tal-UE, speċjalment fil-Palestina u l-missjonijiet Afrikani;
 - bejn proġetti ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-missjonijiet PSDK bħala parti mill-PESK;
 - bejn l-UE u l-protagonisti internazzjonali l-oħra li jkunu qed joperaw fl-istess qasam, sabiex ikun jista' jkun hemm l-aħjar kooperazzjoni possibbli mill-perspettiva strateġika (pereżempju fir-rigward tat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà Afgani, peress li l-attivitajiet huma maqsuma bejn l-UE, l-Istati Uniti u n-NATO) u f'termini operattivi (b'referenza partikulari għall-ftehimiet għar-regolarizzazzjoni tal-libertà ta' azzjoni fuq il-post, sabiex ikun jista' jkun hemm skambju ta' informazzjoni kklassifikata jew dwar il-protezzjoni tal-persunal Ewropew mit-truppi tan-NATO);
73. Jirrakkomanda li l-mekkaniżmu ATHENA jiġi rriformat bl-intenzjoni li jiġi rrazzjonalizzat u jiżdied l-proporzjoni tal-ispejjeż komuni (attwalment stmati għal madwar 10%) sabiex ikun jista' jkun hemm kondiviżjoni tal-piżijiet aktar ġusta fl-operazzjonijiet militari, fejn il-parteċipanti f'missjoni, li diġà jgħorru responsabilità kbira f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji u l-ispejjeż, fil-qagħda preżenti qed ikollhom iġorru responsabilità ekonomika saħansitra akbar;
74. Jilqa' l-eżitu li nkiseb skont il-ftehimiet ta' Madrid dwar l-istabbiliment tas-SEAE, li ppermetta li jiġu pprovvduti tliet intestaturi baġitarji għall-missjonijiet ewlenin tal-PSDK (EULEX Kosovo, EUPOL Afganistan, u EUMM Ġeorġja) bl-intenzjoni li tiżdied it-trasparenza u jitjieb l-iskrutinju parlamentari tan-nefqa; jenfasizza l-ħtieġa biex li tiġi allokata linja waħda tal-baġit għal kull missjoni PSDK; jiddikjara li hu lest jikkoopera mal-President permanenti l-ġdid tal-PSC sabiex jittejjbu u tissaħħaħ l-effikaċità tal-laqgħat konsultattivi konġunt dwar il-PESK, b'mod konformi mad-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President dwar ir-responsabilità politika li ntlaħaq qbil dwarha f'Madrid; jiddikjara l-interess tiegħu biex jitgħallem mill-Kungress tal-Istati Uniti tal-Amerka u parlamenti nazzjonali oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri u metodi dwar kif jiġu skrutinizzati l-politiki tas-sigurtà u tad-difiża;
75. Jitlob li jiġi stabbilit, kif previst fit-Trattat ta' Lisbona, il-fond ta' tnedija għall-attivitajiet preparatorji fil-perjodu li jwassal għal operazzjonijiet militari biex jitħaffef il-pagament tal-fondi, u li din il-miżura tkun koperta mill-proposta għar-rieżami tal-mekkaniżmu ATHENA;

76. Jirakkomanda li jittieħdu passi biex tiġi rranġata d-diffikultà li jinstabu professjonisti għall-missjonijiet ċivili (bħal fil-każ tal-missjonijiet EULEX Kosovo u EUPOL Afganistan), li ġie ppruvat li huma l-aktar forma frekwenti ta' intervent, u li jiġu previsti kif meħtieġa skjerar ta' malajr u sostenibilità;
77. Jirakkomanda, fir-rigward tal-integrazzjoni tas-sessi b'mod konformi ma' UNSCR 1325 u sabiex il-missjonijiet ċivili u militari jsiru aktar effikaċi, li l-persunal femminili għandu jkun involut bil-mod xieraq f'kull livell tal-ġestjoni tal-kriżijiet; jenfasizza l-ħtieġa li jkun inklużi n-nisa fil-pożizzjonijiet ta' livell għoli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, fil-konsultazzjonijiet regolari mas-soċjetà ċivili inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, u biex tissaħħaħ il-kapaċità biex issir ħidma fuq kwistjonijiet relatati mas-sessi fi ħdan il-missjonijiet; jitlob li jiġu stabbiliti proċeduri adegwati dwar ilmenti pubbliċi fil-kuntest tal-missjonijiet PSDK, li b' mod partikolari jgħinu r-rappurtar ta' vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi; jistieden lill-VP/RGħ tinkludi rapport dettaljat dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà fl-evalwazzjoni ta' kull sitt xhur tal-missjonijiet PSDK; jenfasizza li huwa importanti li l-UE taħtar aktar uffiċjali tal-pulizija u suldati nisa għall-missjonijiet PSDK, fejn il-kontinġent tal-uffiċjali tal-pulizija nisa fi ħdan il-forza għaż-żamma tal-paċi tan-NU fil-Liberja jista' jittieħed bħala mudell;
78. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tieħu l-passi meħtieġa biex jiġi ottimizzat l-użu potenzjali tar-riżorsi u l-kapaċitajiet Ewropej għall-missjonijiet ċivili u jinnota bi tħassib li qed jiġġarrbu spejjeż għoljin għas-sigurtà tal-missjonijiet EUJUST LEX Iraq u EUPOL Afganistan, peress li l-miżuri kkonċernati ġew fdati lil kumpaniji tas-sigurtà privati;
79. Iħaddan il-bżonn għal proċeduri aktar robusti, stabbiliti uffiċjalment fil-livell istituzzjonali, sabiex tkun tista' tiġi vvalutata – fuq bażi regolari u mibnija fuq kriterji komuni - it-tmexxija tal-missjonijiet fuq il-post; jemmen li dan jippermetti li l-esperjenza miksuba tiġi vvalorizzata minn perspettiva politika u strateġika, teknika, legali u operattiva, u fuq perjodu twil jista' jipprovdni punt ta' tluq biex jittejbu l-interventi attwalment għaddejjin u biex jiġu applikati kriterji għall-kriżijiet emerġenti sabiex ikun hemm l-aħjar bilanċ possibbli bejn l-interessi strateġiċi u r-riżorsi disponibbli;

Sigurtà fil-partnership

80. Jafferma li t-tendenza lejn il-multipolarità fis-sistema internazzjonali u l-istabbiliment ta' sħubiji strateġiċi trid titħaddan f'impenn attiv lejn il-promozzjoni tal-multilateraliżmu, peress li din hi d-dimensjoni l-aktar konsistenti mar-rispett għall-istat tad-dritt b' mod universali, man-natura speċifika tal-UE u mal-interdipendenza dejjem tikber li tikkarakterizza l-globalizzazzjoni;
81. Itenni li l-UE tirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tirrikonoxxi li r-responsabilità primarja għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali fid-dinja hija tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
82. Jinnota li t-Trattat ta' Lisbona jimponi obbligu fuq l-UE li tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali, b'mod partikolari fin-NU, u li l-azzjoni internazzjonali tal-UE trid tkun imsejsa fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU; il-liġi internazzjonali u l-prinċipji u l-valuri tal-UE;

83. Jirrikonoxxi li, minn perspettiva legali, it-Trattat ta' Lisbona għeleb id-dikotomija preċedenti bejn il-politiki tal-Unjoni u tal-Komunità billi kkonferixxa personalità ġuridika unika u billi saħħa l-awtonomija tal-ordni ġuridika tal-UE vis-à-vis l-iġi internazzjonali, anke meta tkun kkonċernata s-sigurtà internazzjonali, kif diġà ddikjarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Kadi (skont liema "l-iġi internazzjonali tista' tidħol f'dik is-sistema legali biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-prinċipji kostituzzjonali tal-Komunità");
84. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li jpoġġu fuq il-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU jiddefendu l-pożizzjonijiet u l-interessi komuni tal-UE u jitolbu lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex tassigura rappreżentanza tal-UE f'dak il-korp u tħajjar lill-Istati Membri biex jiftiehm dwar sistema ta' rotazzjoni, li tassigura siġġu permanenti ta' membru għall-UE fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
85. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħa il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet, speċifikament waqt l-istadji bikrin ta' kriżi u r-rikostruzzjoni ta' wara l-konflitti, b'rabta mill-qrib mal-istrutturi xierqa tal-SEAE li għadu kif ġie stabbilit;
86. Jistieden lil-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa sabiex tiġi razzjonalizzata l-parteċipazzjoni effettiva tal-UE fil-laqgħat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU;
87. Jirrikonoxxi li n-NATO tikkostitwixxi l-pedament li jirfed id-difiża kollettiva għal dawk l-Istati Membri li jappertjenu għaliha; ifakkar fil-ħtieġa għall-kooperazzjoni kostruttiva bejn l-UE u n-NATO, b'mod partikolari fejn iż-żewġ organizzazzjonijiet huma attivi fl-istess xenarji tal-operazzjonijiet; jistenna b'ħerqa l-proposti tar-Rappreżentant Għoli kif inkarigata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Settembru 2010 li jirreferu għall-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Nato fil-ġestjoni tal-kriżijiet;
88. Jilqa' l-ftehim dwar il-kunċett strateġiku l-ġdid tan-NATO dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sħubija strateġika UE-NATO; itenni li l-bieċa l-kbira tat-theddid identifikat fil-kunċett tal-istrateġija ġdida huma wkoll kondiviżi mill-UE u jenfasizza l-importanza li tissaħħa il-kooperazzjoni UE-NATO fil-ġestjoni tal-kriżijiet fl-ispirtu ta' tisħiħ reċiproku u b'rispett għall-awtonomija deċiżjonali tagħhom; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi u r-riżorsi fil-ġestjoni tal-kriżi, u jistieden lill-UE u lin-NATO jintensifikaw il-kooperazzjoni ta' bejniethom permezz tal-mezzi rispettivi tagħhom;
89. Jenfasizza l-importanza fundamentali tal-kontinent Afrikan għas-sigurtà tal-UE u għaż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-konflitti; jappoġġa kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fis-Sħubija għall-Paċi u s-Sigurtà b'mod konġunt mal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE; jiffavorixxi involviment u responsabilità akbar tal-Unjoni Afrikana, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni tal-kriżijiet, u jtenni l-ħtieġa għall-Kummissjoni u l-Istati Membri li jagħmlu l-bieċa tagħhom billi jieħdu miżuri prattiċi biex jiġġieldu t-traffikar ta' armi ħfief u zġhar u l-firxa tagħhom; jappoġġa l-wegħda fid-Dikjarazzjoni ta' Tripoli biex l-arkitettura Afrikana għall-paċi u s-sigurtà ssir kompletament operattiva;
90. Jirrakkomanda, b'mod partikolari, li għandhom jiġu żviluppati l-kapaċitajiet ta' prevenzjoni Afrikani ta' twissija bikrija u ta' kunflitt, li "l-grupp tal-għorrief" jitqiegħed

fpożizzjoni aktar effikaċi għall-medjazzjoni, u li l-istudji jiffokaw fuq il-modi kif jingħata effetti għar-rakkomandazzjoni fir-Rapport Prodi dwar il-finanzjament tal-operazzjonijiet Afrikani għaż-żamma tal-paċi; iħeġġeġ biex ir-relazzjonijiet ikollhom bażi kollaborattiva u li l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet subreġjonali Afrikani jissaħħu;

91. Ifakkar li, apparti s-sħubiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħan-NU, in-NATO u l-Unjoni Afrikana, għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi individwali fil-kuntest tal-PSDK; jinnota li l-esperjenza turi li l-pajjiżi terzi jistgħu jgħibu magħhom assi, riżorsi umani u kompetenza importanti għall-missjonijiet tal-PESK, bħal fil-kuntest tal-missjoni EUFOR Ċad/CAR, li għaliha r-Russja pprovdiet il-ħelikopters meħtieġa ħafna, u l-missjoni EUFOR Althea, li għaliha pajjiżi bħat-Turkija u l-Marokk ikkontribwixxew kontinġenti sostanzjali ta' truppi; jemmin, barra minn hekk, li l-involviment ta' pajjiżi terzi jista' jsaħħaħ il-leggittimità tal-operazzjonijiet tal-PSDK u jgħin biex jitwaqqaf djalogu aktar estensiv dwar is-sigurtà mas-sħab importanti filwaqt li jibqgħu impenjati biex jippromwovu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;
92. Jikkunsidra li t-tali djalogu għandu jindirizza l-valutazzjoni ta' theddid rispettiva, jinvolvi (fejn rilevanti) il-parteeipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-eżerċizzji u l-attivitajiet ta' taħriġ tal-UE u jwassal għal involviment reċiproku aktar mill-qrib komplessivament; jemmin li l-ostakli proċedurali għandhom jiġu affrontati sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi u jiġi evitat id-dewmien li jista' jinvolvi negozjar dwar kull kontribut speċifiku; hu tal-fehma li l-ftehimiet qafas u l-proċeduri standard jistgħu jiġu stabbiliti, għal dan il-għan, ma' xi pajjiżi terzi biex jiġi ffaċilitat il-kontribut tagħhom;
93. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni dwar il-PSDK mal-ġirien tal-UE, li għandha tkun reġjonalment ibbilanċjata u tipprovdi firxa wiesgħa ta' opportunitajiet li jikkatalizzaw ir-riformi fis-settur tas-sigurtà fl-Istati msieħba u mhux biss jgħinu biex jiġu ġġenerati kapaċitajiet ċivili u militari biex is-sħab tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-missjonijiet tal-PSDK iżda wkoll jagħtuha appoġġ aktar b'saħħtu fil-ġestjoni tas-sigurtà reġjonali;
 - o
 - o
 - o
94. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO, kif ukoll lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tan-NATO.

RAPPORT TA' MINORANZA

dwar l-iżvilupp tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona

(2010/2299(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin Roberto Gualtieri

Rapport ta' Minoranza mressaq mill-MEPs Sabine Lösing, Willy Meyer, Nikolaos Chountis, Takis Hadjigeorgiou tal-Grupp GUE/NGL

Ir-rapport jitlob għal UE strateġika u awtonoma bħala attur globali, speċjalment f'termini ta' indipendenza militari, iħeġġeġ favur implimentazzjoni rapida tat-Trattat ta' Lisbona, jitlob l-impożizzjoni ta' PSDK ċentralizzata, ma jagħti l-ebda prijorità lill-kontroll parlamentari, huwa nieqes minn soluzzjonijiet ta' kunflitt ċivili paċifiċi, u minflok jiffoka fuq id-difiża, l-intervent u l-militarizzazzjoni tal-UE

Aħna noġġezzjonaw għar-rapport peress li:

- jirreferi pożittivament għall-intervent militari fil-Libja, jitlob għal azzjoni militari ulterjuri;
- jitlob li l-UE tkompli tissawwar bħala attur militari globali, i.a. EDA, SEAE, OHQ, l-istabbiliment ta' fond ta' bidu għall-operazzjonijiet militari – jigiġifieri baġit militari proprju de facto;
- jitlob li l-politika tal-iżvilupp, tal-kummerċ u tal-enerġija jitpoġġew taħt l-SEAE;
- jiffoka fuq il-fużjoni ta' assi ċivili u militari u l-kapaċitajiet, jassumi li l-missjonijiet tal-pulizija u l-gendarmerie jitqiesu bħala missjonijiet ċivili; jgħaqqad missjonijiet tal-pulizija ma' dawk tal-armata;
- jinsisti li jkollu Battlegroups, jiddispjeċih li għadhom ma ntużawx,
- huwa favur rispons għad-diżastri ċivili-militari.

Nitolbu mill-UE li timpenja ruħha favur:

- politika barranija ta' paċi u ċivili b'konformità mal-liġi internazzjonali, il-Karta tan-NU,
- soluzzjonijiet ċivili u paċifiċi għall-kunflitti, il-qerda tal-faqar;
- il-kontroll tal-armi, id-diżarm, inkluż id-diżarm nukleari totali, ir-reġim NPT
- separazzjoni stretta bejn operazzjonijiet ċivili u militari;
- assistenza f'każi ta' diżastri fi ħdan qafas ċivili biss,
- nefqa militari diretta mill-ġdid lejn skopijiet ċivili;
- l-istabbiliment ta' Assemblea Interparlamentari tal-Parlamenti Nazzjonali li timmonitorja l-PESK u l-PSDK.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 -: 9 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Dominique Baudis, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Vincent Peillon, Hans-Gert Pöttering, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Liisa Jaakonsaari, Elisabeth Jeggle, Georgios Koumoutsakos, Barbara Lochbihler, Norbert Neuser, Jacek Protasiewicz, Judith Sargentini, David-Maria Sassoli, György Schöpflin, Ivo Vajgl
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marije Cornelissen, Leonardo Domenici, Birgit Schnieber-Jastram